MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2770/2002

**Avviz Numru 2770/02 AJD**
**Dr. Anthony H. Farrugia LL.D**

**vs**

**Joseph Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Novembru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm445.00) liema ammont huwa dovut ai termini ta' skrittura datata 24 ta' Ottubru 200 (Dok. AF1).
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali datata 16 ta' april 2002 u bl-imghaxijiet li jiddekorru mill-25 ta' April 2002 fuq ir-rimanenti bilanc.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Ra n-nota prezentata mill-attur fejn huwa rriduca t-talba tieghu ghal mija u disgha u sittin lira Maltin (Lm169.00) stante pagament ta' parti mis-sorte fil-mori tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Lara Lanfranco in rappresentanza tal-attur li kkonfermat li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u disgha u sittin lira Maltin (Lm169.00), bl-imghaxijiet pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------